Matul is-snin l-Akkademja tal-Malti ħadmet bis-sħiħ u stinkat biex l-Ilsien nazzjonali tagħna lkoll jinkiteb b'ortografija waħda u xjentifika, imfissra ċar fit-"Tagħrif" li ħareġ mill-istamperija tal-Gvern fl-1924. Mal-mixja tas-snin f'lingwa ħajja bħalma hi tagħna, inħasset il-ħtieġa għal aġġornament fl-ortografija u għalhekk fl-1984 ħarġet "Żieda mat-Tagħrif".

Kemm hu lingwa ħajja l-Malti nafuh ilkoll b'ħafna manjieri . . . Sikwit nintebħu li dawk fostna li jħossuhom aktar komdi b'lingwa oħra, malli jiltaqgħu ma' xkiel li ma jħallihomx ifissru ruħhom ċar b'dik il-lingwa, malajr jaqgħu għall-Malti! Il-Maltin emigranti bir-raġun kollu jfittxu li jintegraw ruħhom f'komunitajiet ġodda, imma fost dawk li jogħġobhom iżommu ħajja l-lingwa ta' missirijiethom nosservaw evoluzzjoni lingwistika interessanti. Din ridna nuruha lill-qarrejja tagħna bil-kitba ta' Rigu Bovingdon f'dan-numru fuq il-Maltawstraljan.

F'dan-numru ridna nagħmlu aktar ukoll. Stampajna mill-ġdid iż-"Żieda mat-Tagħrif" li, minkejja 2000 kopja fil-ħarġa speċjali ta' tliet snin ilu, ma għadhiex tinstab fl-idejn. Qegħdin ukoll nippubblikaw il-"Memorandum" li delegazzjoni mill-Kunsill ta' l-Akkademja fid-9 ta' Ġunju ppreżentat lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni. Għax il-Malti, minkejja l-provvedimenti fuqu fil-Kostituzzjoni u fil-liġijiet, ma jinġiebx 'il quddiem bl-istudji biss, imma minn żmien għal żmien ikun jeħtieġ appoġġ mill-awtorità pubblika kompetenti. Hekk, f'dan il-każ, kif fid-19 ta' Diċembru 1984 delegazzjoni mill-Akkademja tat numru ta' kopji taż-"Żieda mat-Tagħrif" lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr. Karmenu Mifsud Bonniċi li laqa' t-talba tagħna li ż-Żieda tiġi adottata uffiċjalment (kif deher aktar fit-tul f'*Il-Malti* tas-sena 1985), fix-xhur reċenti l-Akkademja ġeddet il-kuntatti siewja tagħha mal-Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr. Ugo Mifsud Bonniċi biex tissokta tissaħħaħ l-ortografija uffiċjali tal-Malti magħrufa minn kulħadd bħala "tal-Għaqda".

Ix-xewqa ta' l-Akkademja tal-Malti tinħass f'kull min għandu għal qalbu l-kitba korretta tal-Lsien nazzjonali kullimkien. Ġie li jidhru nuqqasijiet li jinħassu aktar serji fejn ma tistennihomx. Madankollu, nibqgħu nħeġġu lil kulħadd, l-aktar lill-għalliema u lill-ġurnalisti, li f'idejhom għandhom oqsma importanti fil-ħajja Maltija bħalma huma l-iskejjel kollha u l-mezzi diversi tal-komunikazzjoni soċjali.

**Avviż**

**Il-ħarġa li jmiss ta' *Il-Malti* se tkun waħda speċjali dwar Karmenu Vassallo. Il-Bord Editorjali tar-rivista jistieden lil min għandu xi xogħol għal din il-pubblikazzjoni (li jrid ikun oriġinali u li la huwa pubblikat u anqas ikun pubblikat banda oħra matul is-sena 1988), biex jibagħtu lill-Editur mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 1987.**



## Egħluq il-25 sena mill-mewt tal-Professur Anastasju Cuschieri

***Alfred Ellul Galea***

FIL-25 TA' LULJU ta' din is-sena l-Professur Anastasju Cuschieri għalaq ħamsa u għoxrin sena mejjet. Huwa jibqa' msemmi l-aktar għall-poeżiji li kiteb dwar Ommna Marija li tawh l-isem ta' Poeta tal-Madonna. Iżda Patri Cuschieri O.C. huwa magħruf ukoll bħala l-Poeta tal-Kelma Maltija, mhux għax kiteb xi għadd kbir ta' poeżiji dwar l-ilsien Malti iżda l-aktar għall-qawwa li fihom.

Il-Professur Cuschieri twieled il-Belt fis-27 ta' Jannar 1876. Wara li daħal novizz mal-patrijiet Karmelitani ġie ordnat saċerdot f'Settembru ta' l-1899. Mar jissokta l-istudji fl-Università Gregorjana ta' Ruma u ta' 25 sena nħatar Professur tal-Filosofija fl-Università Rjali ta' Malta.

Huwa rrappreżenta lill-gradwati ta' l-Università fis-Senat fil-leġislaturi ta' l-1927 u l-1932. Ħafna mill-poeżiji tiegħu dehru fil-ġurnal *Il-Ħabib*. L-ewwel poeżija bil-Malti li kiteb iġġib l-isem "Fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu 1909". Serva għal darbtejn bħala Provinċjal tal-Karmelitani. Wara marda qalila l-poeta Professur Anastasju Cuschieri miet fil-kunvent tal-Karmnu, il-Belt, fil-25 ta' Lulju, 1962.

Bħala tifkira ta' egħluq il-25 sena minn mewtu ttellgħet akkademja mużiko-letterarja fis-santwarju tal-Madonna tal-Karmnu, il-Belt, nhar it-Tlieta, 16 ta' Ġunju. Waqt l-akkademja Dr. Oliver Friggieri għamel id-diskors ewlieni li kien jikkonsisti fi studju dwar "Anastasju Cuschieri: is-Solitudni, il-Kelma, il-Madonna". Ħassejna li xieraq li nġibu siltiet minn dan id-diskors ta' Dr. Friggieri kif ukoll siltiet minn kitba tas-Sur Charles Coleiro dwar "Kif niftakar lill-Professur Anastasju Cuschieri" li dehret fil-ktejjeb ta' l-okkażjoni li tqassam waqt l-akkademja.

## Kif Niftakar lill-Professur Anastasju Cuschieri

***Charles Coleiro***

Kont immur l-iskola tal-Patrijiet Karmelitani u ftit passi 'l bogħod mill-klassi kien hemm joqgħod il-poeta li fi tfuliti rajt ismu taħt l-ewwel poeżija li qrajt. Din tiegħi kienet ukoll l-ewwel waħda li ktibt u l-ħsieb ġabni qrib li mmur nurihielu. Bl-għajnuna ta' Patri Franco Falzon, li kien direttur spiritwali tiegħi u li rani,